SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-ħamsa u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgha 19 ta' Frar 2010 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

***Skuzat:*** Joseph Sultana

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Deċizzjoni dwar il-proposta tal-pannelli solari**

3.1 Is-Sindku rrefera għad-deċizzjoni mittieħda fl-aħħar laqgħa. Huwa informa lill-kunsill li wara li għalqu l-applikazzjonijiet, kien għad fadal xi tnax-il applikazzjoni li ma laħqux ġew sottomessi fl-iskema ta' l-MRA peress li ġew milqugħa biss l-ewwel 416 applikazzjoni minn Malta u Għawdex kollha.

3.2 Sadanittant is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-assoċċjazzjoni tal-kuntratturi tal-fotovoltajiċi bagħtu ittra ta' protest lill-MRA kontra l-Kunsill Lokali u r-residenti ta' San Lawrenz minħabba l-għajnuna li l-Kunsill Lokali tagħna offra lir-residenti sabiex jara l-interess tal-kumpaniji u wkoll jgħin fil-mili ta' l-applikazzjoni lir-residenti ta' San Lawrenz . Fil-fatt nhar is-Sibt 20 ta' Frar is-Sindku ser jigi mressaq quddiem bord biex iwieġeb dwar dawn l-allegazzjonijiet li hemm fl-ittra. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qal li l-Kunsill kull ma talab huwa biss biex jara l-interess u ma jistax jindaħal lill-ebda kuntrattur dwar l-offerti li jagħti, tant hu hekk li fl-interess li wrew d-diversi kuntratturi li wieġbu għas-sejħa ta' l-interess, kienu ħafna dawk li offrew offerti. .. Is-Sindku qal li l-interess tal-Kunsill kien dejjem u jibqa dak taċ-ċittadini tagħna u wkoll li nkomplu ngħinu biex l-lokalita' tagħna tkun waħda ekoloġika u sostenibbli.

3.3 Il-Kunsillier John Mercieca rrefera għall-fatt li meta nżammet laqgħa ta' nformazzjoni dwar il-fotovoltajiċi għal-pubbliku, issemma li t-tariffa li biha ser tinbiegħ lura lil EneMalta ser tinbiegħ bil-*one is to one* . Huwa semma' li dan mhuwiex il-fatt u jista jkun li b'hekk forsi seta kien hemm miżinterpretazzjoni tal-fatti. Huwa talab sabiex issir laqgħa oħra mmedjata mal-pubbliku. Il-Kunsill qabel li fil-preżent ma jkunx jaqbel li nallarmaw in-nies fuq xi ħaġa li ma tippendix mill-Kunsill u lanqas mill-kuntrattur għax hija xi ħaġa li hija regolata mill-gvern ċentrali, jkun xi jkun il-prodott u mingħand minn jinxtara. Sar qbil li issa il-kuntrattur ikun obbligat li jagħmel laqghat man-nies individwalment u jagħti spejgazzjoni fuq kull issue meta tiġi ssetiljata din il-materja.

## 4.0 Materji oħra

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva l-pjanti l-ġodda ta'l-interpretation centre tad-Dwejra. u wara li poġġa għall-attenzjoni tal-kunsill dawn il-pjanti talab li ssir diskussjoni. Il-Kunsillier John Mercieca semma li huwa ma jridx li jkollu x'jaqsam ma' din il-kwistjoni. Is-Sindku semma li bħala Kunsill pero irridu nerfgħu wkoll r-responsabilita' ta' dak li jiġi quddiemna, Waqt id-diskussjoni ntqal li bl-injam kif inhi proposta din il-proposta l-ġdida tidher aħjar mill-istruttura tal-konkrit. Issemma pero li fl-aħħar mill-aħħar hija d-deċiżjoni tal-MEPA.

4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal Memo 32/2010 fejn il-Kunsill jista japplika għal xi proġett strutturali relatat ma attivita Nazzjonali. F'dan ir-rigward is-Sindku propona li għandna napplikaw sabiex jinbidlu l-bankini ta Triq id-Duluri u jsiru f'waħda uniformi. Gie wkoll diskuss li l-quddiem nistghu ndahhlu l-kostruzzjoni ta' bankini uniformi fil-plots taht xi progett iehor.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Noel Formosa** | **Lucienne Haber** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |